



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

SEC(2007) 560 FINALI

BRUSSELL, 29.05.2007

BAĠIT ĠENERALI - 2007
SEZZJONI III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 26, 40

TRASFERIMENT TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET
Nru **DEC14/2007**

NFIQ MHUX OBBLIGATORJU

F'EURO

MINN

KAPITOLU – 40 01 RIŻERVI GĦALL-INFIQ AMMINISTRATTIV

ARTIKOLU 40 01 40 - 26 01 20 L-Uffiċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

Mhux diff.

- 1 667 000

GĦAL

KAPITOLU – 2601 Nfiq amministrattiv tal-qasam ta' politika 'Amministrazzjoni tal-Kummissjoni'

ARTIKOLU - 26 01 20 L-Uffiċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

Mhux diff.

1 667 000

Fit-tnejn tal-baġit 2007, ġie rieżervat kreditu ta' € 1,667,000 għal-linji

A4020101: 'Kompetizzjonijiet interistituzzjonali' (€ 1,650,000);

A4020102: 'Konsultazzjonijiet, studji u sħarriġ ta' natura limitata' (€ 11,250) u

A4020103: 'Spejjeż ta' laqgħat interni' (€ 5,750)

ta' l-Uffiċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO).

Fir-rimarki ta' l-Artikolu A4 02 01 (Kooperazzjoni interistituzzjonali; servizzi u attivitajiet interistituzzjonali) hemm indikat:

L-EPSO għandu jippreżenta rapport lill-Awtorità tal-Baġit bi proposti biex jiddaħflu bidliet fil-metodi ta' ħidma tiegħu sabiex:

- jadotta miżuri xierqa biex inaqqas aktar it-tul tal-proċess ta' l-għażla,
- jeżamina l-possibbiltà li japplika kriterji tad-dħul aktar stretti, filwaqt li jiżgura li ċ-ċittadini Ewropej ikollhom aċċess miftuħ u ugwali għall-kompetizzjonijiet,
- iżid numru akbar ta' kandidati li jgħaddu fuq il-listi ta' rieżerva biex jintlaħqu l-bżonnijiet ta' l-istituzzjonijiet,
- jadotta miżuri biex ikompli jittejjeb u jitħaffef l-użu tal-listi ta' rieżerva,
- jeżamina aktar fil-fond il-possibbiltà li, għal ċerti kompetizzjonijiet, l-istadju ta' l-intervisti tal-proċedura ta' l-għażla jiġi deċentralizzat.

Fit-30/04/2007, il-Kummissjoni baġtet ir-rapport ta' l-EPSO (BUDG D/3652) lill-Awtorità tal-Baġit li tnejn bħala rispons għal dawn it-talbiet u li jinkludi t-tagħrif li ġej:

- Biex jitnaqqas aktar it-tul ta' żmien ta' kompetizzjoni bejn il-pubblikazzjoni tagħha u l-kompilazzjoni tal-lista ta' rieżerva, l-EPSO bi s-siebu jikkonsolida l-użu tal-"Computer Based testing" (CBT) - l-testjar permezz tal-kompjuter - u jestendih għal setturi oħra bħat-testijiet prattiċi tas-segretarij jew testijiet ta' kitba direttament fuq il-kompjuter.
- Fil-preżent qiegħda titqies il-possibbiltà li jsiru testijiet tad-dħul aktar spiss li jkunu validi għal numru ta' kompetizzjonijiet. L-EPSO jibqa' jagħti prijorità lill-bilanċ bejn il-kwalità tal-listi ta' rieżerva u l-bżonnijiet ta' l-istituzzjonijiet billi juża tekniki moderni li jilħqu numru akbar ta' ċittadini.
- Sa minn meta nħoloq fl-2003, l-EPSO pprova madwar 9.200 kandidat li għaddew mill-proċess ta' l-għażla. Madankollu, in-numru ta' kandidati m'huwieq biżżejjed f'ċerti oqsma. Dan in-nuqqas, li xejn m'hu rari, ġie indirizzat permezz ta' inizjattivi min-naħa ta' l-EPSO bħal: laqgħat ġodda tal-grupp ta' studju kompost mid-Diretturi tar-Riżorsi ta' l-istituzzjonijiet, strateġija ġdida ta' informazzjoni u komunikazzjoni u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet *ad hoc* fejn meħtieġa.
- Teżisti l-għodda ta' riċerka u ġestjoni tal-kandidati "Electronic Reserve List" (e-RL) - Lista ta' Rieżerva Elettronika - li hija s-suġġett ta' żvilupp kostanti kemm fir-rigward ta' l-użu kif ukoll tal-ġestjoni tagħha.
- Rigward id-deċentralizzazzjoni għal ċerti kompetizzjonijiet fl-istadju ta' l-intervisti tal-proċedura ta' l-għażla, jista' jsir proġett pilota li l-eżitu tiegħu jkun jirrikjedi analiżi dettaljata qabel ma jiġi applikat.
- Fil-kuntest tar-Regolamenti tal-Personal, l-EPSO jassumi r-responsabbiltà li jassisti lill-aġenziji u lill-personal tagħhom fil-proċeduri ta' selezzjoni tagħhom sabiex jipromwovi armonizzazzjoni akbar jew prattiċi komuni, kif ukoll jikkonkludi "Service Level Agreements" (SLA) - Ftehimiet fuq Livell ta' Servizz - ma' l-aġenziji.

L-appropriazzjonijiet rieżervati jikkorrispondu għal 25 % ta' l-appropriazzjonijiet tal-linji. L-EPSO jeħtieġ li dawn l-appropriazzjonijiet ikunu disponibbli sabiex ikun jista' jirrispetta l-programm u l-obbligi tiegħu fir-rigward ta' l-istituzzjonijiet li jaħdem għalihom.

I. ŻIEDA

a) Intestatura

26 01 20 - L-Uffiċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

b) Ċifri fil-11/05/2007

| | Mhux diff. |
|----------------------------------------------------------------------|-------------------|
| 1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB) | 23 678 000 |
| 1B. Approprjazzjonijiet fil-baġit (EFTA) | 0 |
| 2. Trasferimenti | 0 |
| <hr/> | |
| 3. Approprjazzjonijiet finali għas-sena (1A+1B+2) | 23 678 000 |
| 4. Użu ta' l-appropriazzjonijiet finali | 16 760 847 |
| <hr/> | |
| 5. Approprjazzjonijiet mhux użati/disponibbli (3-4) | 6 917 153 |
| 6. Ftigiet sa l-aħħar tas-sena | 8 584 153 |
| 7. Żieda proposta | 1 667 000 |
| 8. Żieda bħala perċentwal ta' l-appropriazzjonijiet fil-baġit (7/1A) | 7,04% |

c) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Ara r-raġunijiet ewlenin

II. TNAQQIS

a) Intestatura

40 01 - RIŻERVI GĦAL INFIQ AMMINISTRATTIV - I-Artikolu 26 01 20 - L-Uffiċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

b) Ċifri fil-11/05/2007

| | Mhux diff. |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------|
| 1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB) | 0 |
| 1B. Approprjazzjonijiet fil-baġit (EFTA) | 0 |
| 2. Trasferimenti | 0 |
| <hr/> | |
| 3. Approprjazzjonijiet finali għas-sena (1A+1B+2) | 0 |
| 4. Użu ta' l-appropriazzjonijiet finali | 0 |
| <hr/> | |
| 5. Approprjazzjonijiet mhux użati/disponibbli (3-4) | 0 |
| 6. Ftigijiet sa l-aħħar tas-sena (*) | 0 |
| 7. Tnaqqis propost | 1 667 000 |
| 8. Tnaqqis bħala perċentwal ta' l-appropriazzjonijiet fil-baġit (7/1A) (* Mhux rilevanti għal linja ta' approprjazzjonijiet provviżorji jew ta' riżerva | N/A |

c) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Ara r-raġunijiet ewlenin